# IX-XEWKIJA: *frak ta' storja u tifkiret oħra*

*Kitba ta' Dun Geoffrey G Attard*

Għalkemm m'iniex imdaħħal fiż-żmien b'tali mod li nista' nitkellem minn tifkiriet ta' tfuliti marbuta mar-raħal tax-Xewkija, xtaqt indomm ftit tagħrif marbut ma' dan l-eqdem raħal tal-gżira Għawdxija li miegħu għandi rabtiet familjari li jmorru lura fis-snin mill-anqas sal-bidu tas-seklu dsatax.

**Il-kunjom 'Ciantar' f'Għawdex**

Sa minn ċkuniti niftakar lin-nannu – missier ommi[1] – ikellimni dwar l-istorja tal-familja tiegħu tar-raħal antik tax-Xewkija, dwar it-Torri Gourgion u dwar il-knisja parrokkjali l-antika li dwarha kien jgħidli li ħadmu fiha xogħol ta' skultura xi Sqallin li fittxew kenn fiha frott il-privileġġ tal-immunità ekklesjastika, liema privileġġ kien aktar tard abolit mill-ħakkiema kolonjali Ingliżi. Fost l-aktar aspetti interessanti kien jolqotni l-fatt ta' kif daħal il-kunjom Ciantar f'Għawdex. In-nannu kien iħobb jgħidli li l-kunjom Ciantar daħal Għawdex permezz ta' negozjant Malti bl-isem ta' Pawlu Ciantar li kien mir-Rabat tal-Imdina u li kien jiġi Għawdex jiġbor il-qbiela fuq xi raba' li kellu fir-raħal tal-Għarb. Għalkemm s'issa għadni ma sibt ebda dokumentazzjoni dwar dan, jidher li huwa fatt li dan Pawlu Ciantar kien midħla tal-Għarb għaliex 'il quddiem iżżewweġ lil Franġiska Grech[2], oħt il-Kappillan tax-Xewkija Dun Pawl Grech u t-tnejn li huma neputijiet ta' kappillan ieħor tax-Xewkija bl-isem ta' Dun Nikol Vella. Dan Dun Pawl Grech li semmejt kien twieled l-Għarb, iben Salvu u Klemenza mwielda Vella[3]. Hawnhekk għandha biċċa storja interessanti għax dan ifisser li matul is-seklu dsatax ix-Xewkija kellha tliet kappillani li kienu qraba ta' xulxin hekk li tal-ewwel kien iz-ziju għal tat-tieni, u tat-tieni kien iz-ziju għal tat-tielet. Fil-fatt miż-żwieġ ta' Pawlu Ciantar u Franġiska Grech twieled nhar is-17 ta' Ġunju 1835 il-futur Dun Pietru Pawl Ciantar li kien l-ewwel kappillan tax-Xewkija li ngħata t-titlu ta' arċipriet wara li ħarġet bolla apposta minn Ruma.[4]




**In-negozjant Pawlu Ciantar**

Interessanti wkoll il-fatt li fil-kitbiet tiegħu, l-istoriku Malti Patri Andrew P. Vella jsemmi li fi żmien il-ħakma qasira Franċiża fil-gżejjer tagħna bejn l-1798 u l-1800 Napuljun kien niżel Malta u biddel l-ammin-

1 In-nannu kien jismu Ġużeppi Zammit (1913-1994) u kien iben Mikieli Zammit magħruf bħala tal-Ilma u Francesca nee Ciantar, it-tnejn mix-Xewkija.

2 Serafin Borg, Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet il-Kappillani U l-Arċiprieti Tagħha (Progress Press; Malta, 1978), 36.

3 Serafin Borg, Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet il-Kappillani U l-Arċiprieti Tagħha (Progress Press; Malta, 1978), 36.

4 Serafin Borg, 36 u 39.

istrazzjoni ċivili f'Kummissjoni tal-Gvern u fost l-oħrajn din kienet magħmula minn diversi persuni; fost dawn jissemma ċertu negozjant Pawlu Ciantar.[5] Jerġa' jsemmih Dr. Joe Debono fil-ktieb tiegħu dwar il-Franċiżi u jgħid ċar u tond li dawn kienu 'tradituri jew opportunisti'.[6] S'issa mkien għadni ma sibt miktub jekk dan innegozjant Pawlu Ciantar imsemmi fl-istorja ta' żmien il-Franċiżi kienx l-istess negozjant Malti mir-Rabat tal-Imdina li iżżewweġ lil Franġiska Grech u li miż-żwieġ tagħhom twieled il-futur Arċipriet Dun Pietru Pawl Ciantar. Madanakollu s-sens komun jagħtini x'nifhem li jista' jkun li meta l-Ingliżi ħadu lil Malta, Pawlu Ciantar kien tilef il-fiduċja ta' ħutu l-Maltin u forsi għalhekk iddeċieda li jmur joqgħod Għawdex fejn seta' jgħix ħajja aktar fis-sliem; madanakollu din hija biss teorija li għad trid tiġi ppruvata jew ikkonfutata.

### Il-familja Ciantar fix-Xewkija

Patri Serafin Borg li kiteb ħafna dwar l-istorja ta' raħal twelidu x-Xewkija u l-parroċċa tagħha ta' San Ġwann Battista jsemmi kif fl-1837 daħlet f'Għawdex il-kolera u ħafna kienu dawk ix-Xewkin li mietu kawża tagħha. Fost dawn isemmi lil ċerta Rosa Ciantar[7] u ħafna oħrajn. Ladarba din mietet fl-1837, u fl-1835 kien twieled Pietru Pawl li mbagħad sar arċipriet, mela din jew kienet tifla żgħira oħt l-istess Pietru Pawl jew inkella oħt missieru Pawlu u allura zija tal-futur arċipriet.



*Francesca Zammit imwielda Ciantar u neputija tal-Arcipriet Dun Pietru Pawl Ciantar*

Il-familja Ciantar jidher li ssetiljat fix-Xewkija għaliex Patri Manwel Magri SJ, meta żar is-sit arkeoloġiku li fuqu llum tinsab mibnija r-Rotunda, żar ukoll l-għalqa tal-post li kienet propjetà ta' ċertu Franġisk Ciantar, deskritt bħala antenat ta' Dun Pietru Pawl; dan kien kisser plier kbir jew speċi ta' monolith ta' aktar minn wieħed u għoxrin pied.[8] Barra minn hekk, fl-1865 – sena biss wara t-twaqqif taddjoċesi l-ġdida ta' Għawdex imwaqqfa minn Beatu Papa Piju IX, l-ewwel Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Franġisk Buttiġieġ, ħatar lil Dun Pietru Pawl Ciantar bħala kappillan tax-Xewkija.[9] Kien fi żmien dan il-kappillan li saret it-talba biex il-parroċċa ssir arċipretali, liema talba kienet mismugħa hekk li permezz tal-Bolla li ġġib id-data tal-10 ta' Frar 1893, solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl, il-Papa Ljun XIII ħareġ il-bulla tal-arċipretura.

Skont it-tagħrif li għandna mela nafu li Dun Pietru Pawl kellu zijuh Dun Pawl Grech li kien kappillan tax-Xewkija mill-1850 sal-1854 u li l-pro-ziju tiegħu Dun Nikol Vella serva bħala ragħaj spiritwali tax-Xewkija bejn l-1803 u l-1850. Kien fi żmien il-Kappillan Dun Nikol Vella li x-Xewkin ikkummisjonaw għand l-istatwarju Malti Pietru Pawl Azzopardi l-istatwa artistika ta' San Ġwann Battista li llum hija l-istatwa titulari tal-parroċċa.[10]

### Mix-Xewkija għal Għajnsielem

L-Arċipriet Dun Pietru Pawl Ciantar kien serva għal madwar disa' xhur bħala kappillan ta' Għajnsielem qabel ma sar kappillan fix-Xewkija. Jista' jagħti l-każ li meta mar Għajnsielem, xi membri tal-familja Ciantar marru miegħu f'dan ir-raħal u ssetiljaw hemm. Dan għaliex nafu li fil-lejl tat-30 ta' April 1876 seħħet tilwima f'Għajnsielem li minħabba fiha Ċikku Ciantar ta' 19-il sena tilef ħajtu kawża ta' glieda ma' Anġlu Debono; dan tal-aħħar kien ikkundannat għoxrin sena ħabs.[11] Din il-ġrajja turi li l-familja Ciantar infirxet mix-Xewkija għal Għajnsielem. Illum, il-kunjom Ciantar spiċċa mix-Xewkija minħabba li ma kienx għad fadal nissiela maskili; hekk per eżempju minn fost l-aħwa rġiel ta' Francesa Ciantar li żżewwġet lil Mikiel Zammit (tal-ilma), ħadd minnhom ma żżewweġ imma baqgħu ġuvintur involuti fil-manifattura tal-għaġin li għalih kienet magħrufa l-familja Ciantar tax-Xewkija. Wieħed minn ħutha subien kien is-saċerdot Dun Pawl Ciantar li għal bosta snin kien jaqdi dmiru bħala kappillan tal-isptar ta' Lazzaret, fejn illum insibu l-University of Malta Gozo Centre u li qeda wkoll dmiru bħala kappillan (flimkien ma' kuġinuh Dun Salv Ciantar) tal-Isqof Ġwann Maria Camilleri OSA.[12] Ta' min jgħid li Maria Vella, omm is-saċerdot Dun Pawl Ciantar, kienet mill-Munxar; hija kienet ġejja mill-familja li kienet tokkupa d-dar numru 32, Triq San Pawl, fil-Munxar, liema dar kienet magħrufa għall-kappella tal-Maternità tal-Madonna li kellha ġewwa fiha u li kienet għadha teżisti qabel it-twaqqif tal-parroċċa l-ġdida tal-Munxar.[13]

---

5 Serafin Borg, Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet il-Kappillani U l-Arċiprieti Tagħha (Progress Press; Malta, 1978), 26.

6 Joe DeBono, Għawdex Taħt Il-Franċiżi (bla data: ippubblikat mill-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill Lokali Nadur), 23. Andrew P. Vella, Storja Ta' Malta, Vol II, (Edizzjoni KKM: 1979), 219.

7 Serafin Borg, 21.

8 Diversi Awturi, Ix-Xewkija Tul Iż-Żminijiet (Orphans Press: 1973), 13.

9 Serafin Borg, 36.

10 Joseph Bezzina, Parish Titular Statues In Gozo (=Gaulitana 5). Valletta: 1987, 33.

11 Edward Attard, Delitti F'Malta. Aktar minn 200 Sena ta' Omiċidji 1800-2007 (Malta 2008), 555.

12 Dan it-tagħrif kien mgħoddi lili bil-fomm minn Patri Serafin Borg OSA

13 Għal tagħrif dwar din id-dar, ara l-artiklu ta' Ġorġ Azzopardi(seminarista) bl-isem 'Il-Kappella tal-Maternità' tal-Madonna' fir-rivista Id-Dawl maħruġa mill-parroċċa tal-Munxar, ħarġa mhux innumerata (1988), paġni 15-16. Dan it-tagħrif kien qaluli n-nannu tiegħi li allura Maria nee Vella kienet tiġi nanntu min-naħa tal-omm.